Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Novembru 2019**
**(OR. en)**

**13700/19**

**POLGEN 175**
**INST 332**
**CODEC 1567**
**PE 247**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 31 ta' Ottubru 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 553 final |
| Suġġett: | OPINJONI TAL-KUMMISSJONI dwar Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 553 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 553 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.11.2019
COM(2019) 553 final

NOTE
This language version reflects the corrections done to the original EN version retransmitted under COM(2019) 553 final/3 of 18.11.2019

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

## dwar Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom

**OPINJONI TAL-KUMMISSJONI**

**dwar Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom**

Fil-25 ta' Marzu 2019 u f'konformità mal-Artikolu 228(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Parlament Ewropew bagħat ittra lill-Kummissjoni Ewropea biex jitlob l-opinjoni tagħha dwar abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew, adottat fis-sessjoni plenarja tiegħu tat-12 ta' Frar 2019, li jistabbilixxi r-Regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/ECSC, KE, Euratom.

Il-Kummissjoni tilqa' l-abbozz ta' regolament, li jirrevedi l-Istatut tal-Ombudsman għall-ewwel darba mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Ħafna mill-emendi proposti jikkonsolidaw il-prattika attwali jew jintroduċu titjib. Madankollu, il-Kummissjoni ma taqbilx ma' xi wħud mill-emendi u/jew tixtieq tikkummenta dwar ċerti aspetti (ara hawn taħt).

## IL-PREMESSA 5 - RAKKOMANDAZZJONI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAS-SENTENZI TAL-QORTI

Il-Premessa 5 tal-abbozz ta' Regolament tiddikjara li l-Ombudsman *"għandu d-dritt li jagħmel rakkomandazzjonijiet fejn l-Ombudsman jara li istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni ma tkunx qed tapplika deċiżjoni tal-qorti b'mod xieraq".*

***Il-Kummissjoni <u>ma taqbilx</u> ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

(1) Ma hemm l-ebda bażi legali fit-Trattati tal-UE biex l-Ombudsman jevalwa l-applikazzjoni ta' deċiżjoni tal-qorti. It-Trattati fihom sistema komprensiva ta' rimedji legali biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet japplikaw id-deċiżjonijiet tal-qorti b'mod xieraq. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 266 TFUE jistipula li "l-istituzzjoni li l-att tagħha ġie ddikjarat null, jew li n-nuqqas tagħha li taġixxi ġie ddikjarat kontra t-Trattati, għandha tkun meħtieġa tieħu l-miżuri neċessarji biex tosserva s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea". L-istituzzjonijiet jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dan l-obbligu, li huwa l-pedament tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tfakkar li, jekk il-parti kkonċernata ma tkunx sodisfatta bil-miżuri meħuda, tista' tressaq proċedimenti skont l-Artikolu 263 TFUE, u jekk l-istituzzjoni tonqos milli taġixxi, il-parti kkonċernata tista', f'ċerti kundizzjonijiet, taġixxi skont l-Artikolu 265 TFUE. B'żieda ma' dan, dik il-parti tista' tippreżenta rikors biex titlob kumpens għad-danni skont l-Artikolu 340 TFUE. Għalhekk, filwaqt li l-Ombudsman jista' jqis sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja meta jivvaluta l-attivitajiet ta' istituzzjoni matul inkjesta, il-valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Qorti per se jmur oltre l-mandat tiegħu.

(2) Il-premessa mhijiex kompatibbli mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 228(1) TFUE, li tipprovdi għall-Ombudsman biex iwettaq investigazzjonijiet *"ħlief fejn il-fatti allegati huma jew kienu s-suġġett ta' proċeduri legali".* Kif iddikjarat il-Qorti, fl-istituzzjoni tal-Ombudsman, it-Trattat ta liċ-ċittadini rimedju alternattiv għal dik ta' rikors quddiem qorti tal-Unjoni sabiex jipproteġu l-interessi tagħhom u huwa ċar li ż-żewġ

rimedji ma jistgħux jiġu segwiti fl-istess ħin[1]. Din is-sitwazzjoni hija riflessa fl-Artikolu 1(3) tal-Istatut attwali, li jistipula b'mod ċar li "l-Ombudsman ma jistax jintervjeni f'każijiet quddiem il-Qrati jew jikkontesta s-solidità ta' deċiżjoni tal-Qorti", u din tinżamm, b'formulazzjoni iktar preċiża, fl-Istatut propost, biż-żieda li l-Ombudsman ma jistax jikkontesta l-kompetenza tal-Qorti li toħroġ deċiżjoni. Sabiex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-istituzzjonijiet fir-rigward tas-segwitu ta' deċiżjoni speċifika, l-Ombudsman ikun jeħtieġ jinterpreta d-deċiżjoni. Madankollu, din hija l-kompetenza tal-Qorti. Jekk it-tifsira jew l-iskop ta' sentenza tkun fid-dubju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinterpretaha fuq applikazzjoni minn kwalunkwe parti jew istituzzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi interess fiha (l-Artikolu 43 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea).

(3) Skont l-Artikolu 228(1) TFUE, l-Ombudsman mhuwiex mogħti s-setgħa li jinvestiga każijiet ta' amministrazzjoni ħażina relatati mal-Qorti tal-Ġustizzja "fir-rwol ġudizzjarju tagħha". F'ċertu sens, il-premessa proposta tagħti ċirkumvenzjoni għal din il-projbizzjoni *ex post* billi tippermetti lill-Ombudsman jinterpreta deċiżjonijiet u jikkummenta dwar l-implimentazzjoni tagħhom, filwaqt li din hija l-kompetenza esklużiva tal-qrati.

## L-ARTIKOLU 2(2) — KONFORMITÀ MAR-REGOLI TAL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

L-Artikolu 2(2) jeħtieġ li l-Ombudsman jinforma lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni dwar ilmenti, filwaqt li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tad-*data* personali tal-UE.

***Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta, billi tenfasizza b'mod korrett li l-Ombudsman huwa marbut ukoll bir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.***

## L-ARTIKOLU 2(4) — ESTENSJONI TAD-DATA TA' SKADENZA BIEX JIĠI PPREŻENTAT ILMENT

L-Artikolu 2(4) jistipula li "ilment għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin mid-data meta l-persuna li tippreżenta l-ilment tkun saret taf bil-fatti li fuqhom hu bbażat u qabel dan, għandhom jittieħdu l-passi amministrattivi xierqa fir-rigward tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji kkonċernati."

***Il-Kummissjoni <u>ma taqbilx</u> ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

Il-perjodu attwali ta' sentejn ma jidhirx li qajjem problemi u ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni konkreta biex dan il-perjodu jiġi estiż b'sena oħra. Barra minn hekk, iktar ma jgħaddi żmien, iktar isir diffiċli għall-amministrazzjoni li tindirizza l-kwistjoni mqajma. Għalhekk il-proposta la hija fl-interess tal-amministrazzjoni u lanqas fl-interess taċ-ċittadini.

## L-ARTIKOLU 3(8) — ESTENSJONI TAD-DATA TA' SKADENZA GĦALL-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

L-Artikolu 3(8) jistipula li: "fejn jinstabu każijiet ta' amministrazzjoni ħażina wara inkjesta, l-Ombudsman għandu jinforma lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati, u fejn xieraq jagħmel rakkomandazzjonijiet. L-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li tingħata din l-informazzjoni għandha tibgħat opinjoni dettaljata lill-Ombudsman fi żmien tliet xhur. L-

[1] Il-Kawża T-209/00 *Lamberts v. L-Ombudsman Ewropew*, EU:T:2002:94, punti 65 u 66 kif ikkonfermat mill-QTĠ fuq appell fil-Kawża C-234/02 P, EU:C:2004:174.

Ombudsman jista', fuq it-talba motivata tal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernata, jagħti estensjoni ta' dik l-iskadenza, li m'għandhiex tkun itwal minn xahrejn. Meta ma tingħata l-ebda opinjoni mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati sal-iskadenza ta' tliet xhur jew sal-iskadenza estiża, l-Ombudsman jista' jagħlaq l-inkjesta mingħajr tali opinjoni."

***Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta, minħabba li tirrifletti prattika eżistenti:***

– Ir-regola attwali hija li, fejn l-Ombudsman joħroġ rakkomandazzjonijiet fil-kuntest ta' deċiżjoni ta' amministrazzjoni, il-Kummissjoni għandha twieġeb fi żmien tliet xhur. Fit-teorija, ma tista' tingħata l-ebda estensjoni, iżda fil-prattika, żewġ estensjonijiet ta' xahar jistgħu jinkisbu fuq talba tal-Kummissjoni. It-test propost jirrifletti din il-prattika.

– Id-dispożizzjoni li estensjoni tal-iskadenza għandha tkun ibbażata fuq talba motivata u li jekk ma tingħata l-ebda opinjoni l-Ombudsman jista' jagħlaq l-inkjesta mingħajr tali opinjoni tirrifletti wkoll il-prattika eżistenti.

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠODDA DWAR KAŻIJIET TA' FASTIDJU (MORALI U SESSWALI)

- L-Artikolu 14, l-ewwel paragrafu, jistipula li: "[l]-Ombudsman għandu jivvaluta l-proċeduri fis-seħħ għall-prevenzjoni ta' fastidju ta' kwalunkwe tip u xorta fl-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll il-mekkaniżmi li jippenalizzaw lil dawk responsabbli għall-fastidju. L-Ombudsman għandu jfassal konklużjonijiet xierqa dwar jekk dawk il-proċeduri humiex konsistenti mal-prinċipji tal-proporzjonalità, adegwatezza u azzjoni enerġetika, u jekk jipprovdux protezzjoni u appoġġ effettivi lill-vittmi";
- L-Artikolu 14, it-tieni paragrafu, jistipula li: "[l]-Ombudsman għandu jeżamina fi żmien xieraq jekk l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni jittrattawx b'mod adegwat il-każijiet ta' fastidju ta' kwalunkwe tip u xorta billi japplikaw korrettament il-proċeduri previsti fir-rigward tal-ilmenti f'dak il-qasam. L-Ombudsman għandu jfassal konklużjonijiet xierqa dwar is-suġġett";
- L-Artikolu 14, it-tielet paragrafu, jistipula li: "[l]-Ombudsman għandu jaħtar, fis-segretarjat, persuna jew struttura b'għarfien espert fil-qasam tal-fastidju li tkun kapaċi tivvaluta fi żmien xieraq jekk każijiet ta' fastidju ta' kwalunkwe tip u xorta, inkluż il-fastidju sesswali, huma trattati b'mod adegwat fl-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u, fejn xieraq, tipprovdi pariri lill-uffiċjali u aġenti oħra tagħhom."

***Il-Kummissjoni <u>ma taqbilx</u> ma' dawn il-proposti għar-raġunijiet li ġejjin:***

(1) L-Ombudsman diġà għandu xi wħud mis-setgħat previsti:

– L-Ombudsman diġà jista' jagħmel inkjesti fuq il-bażi ta' lmenti jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Dan huwa biżżejjed biex jiġu indirizzati każijiet ta' amministrazzjoni ħażina b'relazzjoni ma kwalunkwe qasam, inkluż il-fastidju. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu introdotti dispożizzjonijiet espliċiti dwar fastidju fl-Istatut tal-Ombudsman. B'żieda ma' dan, ma hemm l-ebda bażi legali għall-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-fastidju fl-Istatut tal-Ombudsman, billi la l-Artikolu 228 TFUE u lanqas ir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE (l-Artikolu 12a) ma jipprevedu setgħa speċifika tal-Ombudsman f'dan ir-rigward. Li kieku l-leġiżlatur xtaq jagħti tali setgħat lill-Ombudsman, kien jinkludihom fir-Regolamenti tal-Persunal.

(2) Dispożizzjonijiet dwar il-fastidju u l-konsegwenzi diġà jeżistu fir-Regolamenti tal-Persunal, u kemm ir-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll il-ġurisprudenza relevanti li jiddefinixxu l-kunċett għandhom jiġu kkunsidrati.

– It-test jipprevedi evalwazzjoni tal-"mekkaniżmi biex jiġu penalizzati dawk responsabbli għall-fastidju". Skont l-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal, dawn il-kwistjonijiet huma ttrattati permezz ta' proċeduri dixxiplinarji mwettqa skont l-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal. Billi l-istituzzjonijiet huma obbligati li jsegwu l-proċeduri fir-Regolamenti tal-Persunal, mhuwiex ċar x'se jkun hemm il-valutazzjoni tal-Ombudsman. Anki jekk l-Ombudsman ikkonkluda li l-mekkaniżmi ma kinux adegwati, dan ma jikkostitwixxix każ ta' amministrazzjoni ħażina, billi l-istituzzjonijiet sempliċement josservaw att leġiżlattiv.

– Il-proposta ma tqisx il-kwistjonijiet legali marbuta mal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari l-ġurisprudenza abbondanti dwar id-definizzjoni ta' fastidju. Is-sejbiet ta' fastidju għandhom konsegwenzi sinifikanti għall-kwerelant u għall-persuna li allegatament tagħti fastidju. Għandhom ikunu inkorporati f'deċiżjoni li tkun soġġetta għal reviżjoni ġudizzjarja; rakkomandazzjoni ma tistax tkun soġġetta għal rieżami legali u mhijiex legalment infurzabbli.

(3) Minħabba d-dispożizzjonijiet eżistenti, hemm riskju ta' duplikazzjoni u effetti sekondarji:

– Fil-Kummissjoni, sakemm ikun hemm evidenza *prima facie* (*"*il-bidu tal-prova*"*), l-Uffiċċju Investigazzjonijiet u Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC) jista' jniedi inkjesta amministrattiva dwar l-allegazzjonijiet ta' fastidju. L-istituzzjonijiet l-oħra għandhom proċeduri simili. Kif inhu bħalissa, id-dispożizzjoni ma teskludix id-duplikazzjoni tax-xogħol, speċjalment billi l-Artikolu 2(8) propost ma jeħtieġx li ssir talba jew isir ilment skont ir-Regolamenti tal-Persunal. Il-proposta għalhekk twassal għal duplikazzjoni ta' strutturi eżistenti fl-istituzzjonijiet (ara, b'mod partikolari, il-manwal tal-proċeduri tal-Kummissjoni u r-rwol ta' "*konsulenti kunfidenzjali*"). L-aġenziji Eżekuttivi jirreferu wkoll, permezz ta' Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz bejn l-Istati Membri u d-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u kull każ ta' fastidju lill-IDOC.

– Barra minn hekk, l-emenda proposta jista' jkollha effett sekondarju negattiv billi tnaqqas l-aċċess tal-membri tal-persunal għal rimedji legali skont ir-Regolamenti tal-Persunal. Jekk huma jkunu għażlu lment lill-Ombudsman, ma jkunux jistgħu jmorru quddiem il-Qorti skont l-Artikolu 91(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. L-Artikolu 270 TFUE jistipula li "l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hi kompetenti tiddeċiedi kull tilwima bejn l-Unjoni u l-aġenti tagħha, fil-limiti u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni".

(4) Uħud minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-Ombudsman:

– L-Artikolu 228(1) TFUE jistipula li l-mandat tal-Ombudsman huwa li jinvestiga "każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni". Jekk istituzzjoni

tkun aġixxiet (jew naqset milli taġixxi) bi ksur tar-regoli amministrattivi applikabbli, din tista' tikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina u għalhekk taqa' taħt il-mandat tal-Ombudsman. Madankollu, dan ikun il-każ biss jekk il-fatti allegati jkunu imputabbli lil istituzzjoni, jew minħabba li tkun aġixxiet b'tali mod li kkawżat lil dawk iċ-ċirkustanzi jew minħabba li naqset milli taġixxi fuq il-kwistjoni. Dan jikkorrispondi għall-Artikolu 2(4) attwali tal-Istatut tal-Ombudsman, li t-test tiegħu jibqa' l-istess dwar dak l-aspett fil-proposta u jipprovdi li, qabel ma jirrikorru għall-Ombudsman, iċ-ċittadini jridu jkunu kkuntattjaw lill-istituzzjonijiet dwar l-istess kwistjoni u jkunu rċevew tweġiba li biha ma jaqblux jew ma jkunux irċevew tweġiba f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

– Il-mandat tal-Ombudsman ma jinkludix valutazzjoni permanenti ta' politiki u proċeduri b'mod ġenerali. L-Ombudsman mhuwiex korp għal skrutinju jew sorveljanza permanenti ta' attivitajiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet. L-Ombudsman għandu kompetenzi orizzontali fl-oqsma kollha fejn jiġu identifikati każijiet ta' amministrazzjoni ħażina.

– Il-mandat u r-rwol tal-Ombudsman kif stabbilit fl-Artikolu 228(1) TFUE, li huwa mandat ġenerali u mhux mandat speċifiku għal ċerti oqsma tal-liġi bħal fastidju, huwa li jinvestiga każijiet ta' amministrazzjoni ħażina u għalhekk li jeżamina lmenti u jwettaq inkjesti, li ma jagħtix parir lil membri tal-persunal ta' istituzzjonijiet oħra. L-għoti ta' pariri dwar każ speċifiku jfixkel l-imparzjalità u l-kapaċità tal-Ombudsman li jżomm viżjoni imparzjali tas-sitwazzjoni: jekk l-Ombudsman ikun ta pariri lil membru tal-persunal f'każ li sussegwentement jiġi riferut lill-Ombudsman permezz ta' lment, l-Ombudsman jista' jiffaċċja kunflitt ta' interess.

– Il-proposta tqajjem aspettattivi li l-Ombudsman ma jkunx jista' jissodisfa, billi azzjoni effettiva tista' tittieħed biss mill-istituzzjoni fil-proċeduri stabbiliti mir-Regolamenti tal-Persunal li jipprevedu d-drittijiet u l-obbligi tal-membri tal-persunal.

(5) Hemm problema ġenerali ta' metodu u proċess:

– Huwa diffiċli li wieħed jara kif l-Ombudsman jista' jkun konxju tal-każijiet kollha ta' fastidju jekk ma jkunux ippreżentati għall-attenzjoni tal-Ombudsman permezz ta' lment. Kif inhi bħalissa, id-dispożizzjoni tidher li timplika li l-Ombudsman għandu jirrevedi (possibbilment fuq l-inizjattiva tiegħu stess) il-każijiet kollha ta' fastidju (jiġifieri mhux biss każijiet ta' fastidju sesswali) ittrattati minn kwalunkwe istituzzjoni tal-UE, f'"*manjiera f'waqtha*".

– L-Ombudsman għandu dejjem jagħmel rakkomandazzjonijiet fuq il-bażi ta' inkjesti wara li jkun ta lill-istituzzjoni l-opportunità li tissottometti osservazzjonijiet. Rakkomandazzjonijiet jew konklużjonijiet barra dawk il-proċeduri jittraskuraw id-dritt tal-istituzzjoni li tagħmel il-fehmiet tagħha magħrufa u tkun ibbażata fuq informazzjoni mhux kompluta.

(6) Dispożizzjonijiet oħra mhumiex ċari:

– l-Artikolu 14(2) jirreferi għall-każijiet kollha jew biss għal dawk amministrati mill-istituzzjonijiet?

– xi tfisser "*konklużjonijiet*" (l-Artikolu 14(1)?

– xi jfissru l-prinċipji ta' "*adegwatezza*" u, speċjalment, ta' "*azzjoni ta' enerġija*" (l-Artikolu 14(1))?

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠODDA DWAR KAŻIJIET TA' FASTIDJU SESSWALI

- L-Artikolu 2(8) jistipula li "[b]l-eċċezzjoni ta' lmenti relatati ma' każijiet ta' fastidju sesswali, l-ebda lment ma għandu jsir lill-Ombudsman dwar relazzjonijiet ta' xogħol bejn l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u uffiċjali jew aġenti oħra tagħhom sakemm il-possibbiltajiet kollha għall-preżentazzjoni ta' talbiet u lmenti amministrattivi interni, b'mod partikolari l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[2] ("ir-Regolamenti tal-Persunal"), ikunu ġew eżawriti mill-persuna konċernata u l-limiti ta' żmien għar-risposti mingħand l-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati jkunu skadew."

- Kif indikat hawn fuq, l-Artikolu 14(3) jistipula li "[l]-Ombudsman għandu jaħtar, fis-segretarjat, persuna jew struttura b'għarfien espert fil-qasam tal-fastidju li tkun kapaċi tivvaluta fi żmien xieraq jekk każijiet ta' fastidju ta' kwalunkwe tip u xorta, inkluż il-fastidju sesswali, huma trattati b'mod adegwat fl-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u, fejn xieraq, tipprovdi pariri lill-uffiċjali u aġenti oħra tagħhom."

  ***Il-Kummissjoni <u>ma taqbilx</u> ma' dawn il-proposti u tirrakkomanda li titħassar "bl-eċċezzjoni ta' lmenti relatati ma' każijiet ta' fastidju sesswali" mill-Artikolu 2(8) għar-raġunijiet elenkati hawn:***

  Filwaqt li l-kummenti ta' hawn fuq relatati ma' każijiet ta' fastidju japplikaw ukoll għal fastidju sesswali, il-Kummissjoni għandha tħassib speċifiku dwar id-distinzjoni ta' dik il-forma ta' fastidju kif propost fl-abbozz ta' Regolament:

  (1) Ir-Regolament propost (b'mod partikolari l-Artikolu 2(8)) jipprova jestendi l-mandat tal-Ombudsman lil hinn mill-mandat minqux fit-Trattati. F'każijiet ta' fastidju sesswali, li kieku dawn id-dispożizzjonijiet ġodda jiġu adottati, il-membri tal-persunal ma jkollhomx aktar bżonn li jagħmlu talba skont l-Artikolu 24 jew 90 (1) tar-Regolamenti tal-Persunal, jew iressqu lment skont l-Artikolu 90(2), qabel ma jirrikorru għand l-Ombudsman, li hija l-proċedura attwali. Madankollu, huwa ovvju li, jekk l-ilmentatur l-ewwel ma jkollux biex jeżawrixxi l-proċeduri interni, l-istituzzjoni rilevanti ma tistax tinżamm responsabbli milli tonqos milli tadotta miżuri xierqa, billi ma kienx ikollha l-opportunità li tindirizza s-sitwazzjoni. Sakemm l-istituzzjoni tkun saret taf bis-sitwazzjoni u naqset milli tindirizzaha, il-fastidju sesswali huwa attribwibbli biss lill-membru tal-persunal inkwistjoni. L-istituzzjoni ma tistax tkun responsabbli milli tonqos milli taġixxi sakemm ma tkunx ġiet infurmata bis-sitwazzjoni u ma tkunx ingħatat l-opportunità li tindirizzaha.

  (2) Fil-kuntest ta' lment ta' fastidju sesswali, bħal fil-każijiet l-oħra kollha msemmija fl-abbozz tal-Artikolu 2(8), l-istituzzjoni għandu jkollha l-opportunità li tivvaluta l-każ qabel kwalunkwe riferiment potenzjali lill-Ombudsman. Kif rifless fil-premessa 2 u l-Artikolu 2(1) tal-proposta, ir-rwol tal-Ombudsman huwa li jgħin biex tinkixef amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-

[2] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jivvalutaw u jittrattaw il-każ, inkluż każ ta' fastidju sesswali, qabel ma l-Ombudsman jeżamina jekk ġiex ittrattat b'mod xieraq u jekk hemmx amministrazzjoni ħażina.

(3) Il-proposta ma tqisx l-eżistenza ta' firxa wiesgħa ta' għodod fir-Regolamenti tal-Persunal u ta' miżuri oħra adottati mill-istituzzjonijiet f'dan il-qafas, pereż. azzjonijiet mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għar-Riżorsi Umani biex jiġi miġġieled il-fastidju sesswali (pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 1624/3 tas-26 ta' April 2006).

(4) Filwaqt li d-differenzi bejn il-fastidju morali u sesswali huma ovvji, mhuwiex xieraq li ssir distinzjoni bejniethom f'dan il-kuntest. L-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal ma jipprevedix tali distinzjoni fir-rigward tad-drittijiet u tal-obbligi tal-persunal billi ż-żewġ forom ta' fastidju jistgħu jkunu ta' dannu kbir.

(5) Il-punti dwar każijiet ta' fastidju (taqsima preċedenti) japplikaw ukoll għal każijiet ta' fastidju sesswali, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(1) il-ħtieġa li tiġi riflessa l-ġurisprudenza abbondanti dwar id-definizzjoni ta' fastidju (punt 2);

(2) id-duplikazzjoni ta' strutturi eżistenti (punt 3);

(3) parir lill-membri tal-persunal (punt 4, tieni inċiż);

(4) żieda fl-aspettattivi (punt 4, tielet inċiż).

- L-Artikolu 17 jistipula li: "l-Ombudsman għandu jadotta d-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni għal dan ir-Regolament. Dawn għandhom ikunu skont dan ir-Regolament u jinkludu minimament dispożizzjonijiet dwar: (a) id-drittijiet proċedurali tal-ilmentatur u tal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati; (b) l-iżgurar tal-protezzjoni ta' uffiċjali u aġenti oħra li jirrapportaw każijiet ta' fastidju sesswali u ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni fl-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal ("żvelar ta' informazzjoni"); [..]."

***Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din l-opinjoni għar-raġunijiet li ġejjin:***

(1) Is-subparagrafu b) għandu jitħassar billi l-Ombudsman m'għandu l-ebda kompetenza speċifika dwar il-fastidju sesswali u l-proċeduri amministrattivi għandhom jiġu eżawriti minn qabel.

(2) Fir-rigward tal-garanziji proċedurali addizzjonali fil-kuntest tal-ilmenti ta' fastidju sesswali, ir-Regolamenti tal-Persunal ma jiddistingwux bejn tipi differenti ta' fastidju. Għalhekk, għandhom jingħataw l-istess salvagwardji lill-membri tal-persunal li jagħmlu allegazzjonijiet ta' kwalunkwe tip ta' fastidju, u mhux biss fastidju sesswali.

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠODDA DWAR L-IŻVELAR TA' INFORMAZZJONI

- L-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, l-ewwel sentenza, jistipula li: "[l]-Ombudsman għandu jwettaq valutazzjonijiet regolari tal-politiki u rieżamijiet tal-proċeduri stabbiliti fl-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal ("whistleblowing") u għandu, fejn ikun

xieraq, jagħmel rakkomandazzjonijiet konkreti għal titjib bil-għan li tiġi żgurata protezzjoni sħiħa għal uffiċjali u aġenti oħra li jirrapportaw fatti f'konformità mal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal."

***Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

L-Ombudsman mhuwiex korp għal skrutinju jew sorveljanza permanenti jew regolari ta' attivitajiet speċifiċi ta' istituzzjonijiet oħra. L-Ombudsman jista' jittratta dawn il-kwistjonijiet fuq il-bażi ta' lmenti jew fuq il-bażi tas-setgħat tiegħu li jniedi inkjesti fuq inizjattiva proprja, iżda biss fil-kuntest ta' każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina. Il-mandat tal-Ombudsman ma jinkludix il-valutazzjoni tal-politiki u l-proċeduri inġenerali.

- L-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, it-tieni sentenza, tal-abbozz ta' Regolament jistipula li: L-Ombudsman jista', meta mitlub, jipprovdi informazzjoni kunfidenzjali, pariri imparzjali u gwida esperta lill-uffiċjali jew aġenti oħra dwar l-imġieba xierqa li għandha tittieħed fil-preżenza ta' fatti msemmija fl-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, inkluż dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

  u l-Artikolu 5, it-tieni inċiż, jistipula li "[l]-Ombudsman jista' wkoll jiftaħ **inkjesti** fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta minn uffiċjali jew aġenti oħra li jirrapportaw fatti f'konformità mal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, li jistgħu jirrapportaw b'mod kunfidenzjali u anonimu, fejn il-fatti deskritti jistgħu jikkostitwixxu amministrazzjoni ħażina f'istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni. Sabiex dan l-għan ikun jista' jitwettaq, ir-regolamenti tal-persunal applikabbli li jirrigwardaw is-segretezza jistgħu jiġu rinunzjati."

***Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' dawn il-proposti għar-raġunijiet li ġejjin:***

(1) Il-mandat tal-Ombudsman huwa li jinvestiga każijiet ta' amministrazzjoni ħażina, u mhux li jipprovdi pariri lill-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet, aħseb u ara b'mod kunfidenzjali. L-għoti ta' pariri dwar każ speċifiku se jfixkel l-imparzjalità u l-kapaċità tal-Ombudsman li jżomm viżjoni imparzjali tas-sitwazzjoni: jekk l-Ombudsman jagħti parir lil membru tal-persunal dwar kwistjoni li aktar tard issir is-suġġett ta' inkjesta mill-Ombudsman, jista' jiġi ffaċċjat b'kunflitt ta' interess.

(2) Ir-referenza għall-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal mhijiex konformi mat-Trattati. Ir-Regolamenti tal-Persunal jistabbilixxu sistema komprensiva għal żvelar u d-dmir ta' uffiċjali li jinfurmaw lill-istituzzjoni tagħhom jew lill-OLAF. L-Istatut tal-Ombudsman huwa bbażat fuq l-Artikolu 228 TFUE u ma jistax ibiddel id-drittijiet u l-obbligi tal-persunal, li huma stabbiliti permezz ta' proċedura leġiżlattiva differenti bbażata fuq l-Artikolu 336 TFUE. L-Artikolu 22b tar-Regolamenti tal-Persunal jistipula li membru tal-persunal jista' jinforma lill-Ombudsman biss wara li jkun informa lil wieħed mill-persuni jew korpi elenkati fl-Artikolu 22a. Għalhekk, sabiex tinżamm il-konsistenza u ċ-ċertezza legali, għandha ssir referenza biss għall-Artikolu 22b, sabiex il-membri tal-persunal ma jkollhom l-ebda dubju dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita.

(3) Ir-referenza għas-segretezza professjonali għandha titħassar. Jekk membru tal-persunal jirrikorri għall-Ombudsman skont l-Artikolu 22b tar-Regolamenti tal-Persunal, ma jkunx hemm bżonn li jintalab li jiġi rrinunzjat id-dover tiegħu ta' segretezza professjonali. Fir-rigward ta' membri oħra tal-persunal, inkjesta li tnediet fuq il-bażi ta' lment minn membru tal-persunal skont l-Artikolu 22b tar-

Regolamenti tal-Persunal għandha ssegwi l-istess regoli u proċeduri bħal kwalunkwe inkjesta oħra tal-Ombudsman. Ma hemmx bżonn ta' dispożizzjoni speċifika.

Kif imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-Artikolu 17(a) u (b) tal-abbozz ta' Regolament sakemm tinkludi wkoll l-iżvelar ta' informazzjoni protetta (ara raġunijiet ta' hawn fuq).

## REFERENZA ESPLIĊITA GĦAL INKJESTI STRATEĠIĊI

L-Artikolu 3(2) jistipula li "[m]ingħajr preġudizzju għad-dmir primarju tal-Ombudsman, li jittratta l-ilmenti, l-Ombudsman jista' jwettaq inkjesti fuq inizjattiva proprja, ta' natura aktar strateġika biex jidentifika sitwazzjonijiet ripetuti jew partikolarment serji ta' amministrazzjoni ħażina, biex jippromwovi l-aqwa prattiki amministrattivi fl-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u biex jindirizza b'mod proattiv il-kwistjonijiet strutturali ta' interess pubbliku li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Ombudsman" (ara wkoll il-Premessa 7)

***Il-Kummissjoni taqbel ma' dawn il-proposti sakemm l-Ombudsman jaġixxi fil-limiti tal-mandat tiegħu, jiġifieri amministrazzjoni ħażina.***

## DJALOGU STRUTTURAT U KONSULTAZZJONIJIET PUBBLIĊI

L-Artikolu 3(3) jipprovdi li "[l]-Ombudsman jista' jidħol fi djalogu strutturat u regolari mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi qabel ma jipprovdi rakkomandazzjonijiet jew fi kwalunkwe stadju wara. L-Ombudsman jista' wkoll janalizza u jivvaluta b'mod sistematiku l-progress tal-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-istituzzjoni kkonċernata, u joħroġ aktar rakkomandazzjonijiet"."

***Il-Kummissjoni taqbel parzjalment ma' din il-proposta:***

(1) Dwar id-"djalogu strutturat u regolari", il-Kummissjoni taqbel mal-prinċipju, filwaqt li żżomm f'moħħha li dan diġà seħħ. Fir-rapport annwali tagħha tal-2018, l-Ombudsman enfasizzat li hija kienet "grata lejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE għall-kooperazzjoni tagħhom f'[dan] ix-xogħol"[3] u b'mod regolari laqgħet it-tweġibiet tal-Kummissjoni. Fl-2017, il-Kummissjoni kkonformat ma' 76 % tal-proposti, rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti dwar is-soluzzjoni tal-Ombudsman. Minkejja dan, id-djalogu għandu jseħħ f'qafas miftiehem u funzjonabbli.

(2) Dwar il-kwistjoni tal-Ombudsman li jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi "qabel ma tipprovdi rakkomandazzjonijiet jew fi kwalunkwe stadju sussegwenti", il-Kummissjoni tista' taqbel b'mod parzjali. M'għandha l-ebda oġġezzjoni dwar il-prinċipju. L-Ombudsman jista' jkun kapaċi jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi u għandu l-flessibilità li jagħmel dan fejn rilevanti, kif diġà huwa l-każ. Madankollu, l-Ombudsman mhuwiex persuna li tieħu d-deċiżjonijiet, u għalhekk ir-rwol ta' dawn il-konsultazzjonijiet "qabel ma jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet" u anki "fi kwalunkwe stadju minn hemm' il quddiem" mhuwiex ċar u jista' jqajjem aspettattivi pubbliċi rigward il-kapaċità tal-Ombudsman li jagħti bidu għal politiki ġodda jew jimmodifika dawk eżistenti. Fit-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, l-Ombudsman għandu awtonomija sħiħa biex jivvaluta jekk l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jaġixxux skont il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Jista' jkun utli li jitfasslu kriterji speċifiċi għal każijiet fejn ikunu mistennija konsultazzjonijiet pubbliċi u għal

3 https://www.ombudsman.europa.eu/mt/annual/mt/113728

liema skop. Barra minn hekk, għandu jkun ċar li l-konsultazzjonijiet pubbliċi għandhom ikunu strettament esklużi fil-kuntest ta' każijiet individwali, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-*data*.

(3) Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-kelma "sistematikament" tiġi mħassra. It-terminu "jista'" diġà jagħti l-flessibbiltà meħtieġa lill-Ombudsman biex jivvaluta l-progress fejn dan ikun jixtieq.

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠODDA DWAR L-AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI

- L-Artikolu 3(4) jistipula li "l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni għandhom jipprovdu lill-Ombudsman bi kwalunkwe informazzjoni li jkun talabhom u jagħtu lill-Ombudsman aċċess għall-fajls konċernati. L-aċċess għal informazzjoni jew dokumenti klassifikati għandu jkun suġġett għall-konformità mar-regoli dwar l-ipproċessar ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni konċernati.

  L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji li jipprovdu informazzjoni jew dokumenti klassifikati kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom jinfurmaw lill-Ombudsman minn qabel dwar tali klassifikazzjoni.

  Għall-implimentazzjoni tar-regoli previsti fl-ewwel subparagrafu, l-Ombudsman għandu jkun laħaq ftehim minn qabel mal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati dwar il-kundizzjonijiet għat-trattament ta' informazzjoni jew dokumenti klassifikati.

  L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji konċernati għandhom jagħtu aċċess għal dokumenti li joriġinaw fi Stat Membru u li jkunu klassifikati bħala sigrieti bil-liġi unikament wara li s-servizzi tal-Ombudsman ikunu stabbilew miżuri u salvagwardji xierqa biex jittrattaw id-dokumenti li jiżguraw livell ekwivalenti ta' kunfidenzjalità, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u f'konformità mar-regoli dwar is-sigurtà tal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati tal-Unjoni." (Ara wkoll il-Premessa 9)

  ***Il-Kummissjoni <u>ma taqbilx</u> ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

  L-ewwel nett, l-aħħar paragrafu (ġdid) ta' din id-dispożizzjoni mhuwiex ċar u jirreferi biss għal xi partijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Għalkemm dan il-paragrafu l-ġdid jirreferi għal "aċċess għal dokumenti li joriġinaw fi Stat Membru u kklassifikati bħala sigrieti", jidher li jħalli barra diversi partijiet tal-Artikolu 9, li jistipula li: "dokumenti sensittivi huma dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, minn pajjiżi terzi jew minn Organizzazzjonijiet Internazzjonali, li huma klassifikati bħala "TRÉS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skont ir-regoli tal-istituzzjoni kkonċernata, li jħarsu l-interessi essenzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikularment is-sigurtà pubblika, id-difiża u affarijiet militari".

  It-tieni, tali miżuri għandhom japplikaw għat-trattament tad-dokumenti klassifikati kollha. Mhuwiex ċar għaliex din id-dispożizzjoni tirreferi għal arranġamenti li għandhom jiġu stabbiliti biss għal dokumenti sigrieti. l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprovdi li "[d]okumenti sensittivi għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru jew rilaxxati biss bil-kunsens tal-oriġinatur". Mhuwiex ċar għaliex huma biss l-Istati Membri li jissemmew u oriġinaturi oħra, pereż. pajjiżi li mhumiex fl-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali, huma esklużi.

Fl-aħħar nett, mhuwiex ċar jekk id-dispożizzjoni tirreferix għall-aċċess pubbliku għal dawn id-dokumenti jew għat-trażmissjoni tagħhom lill-Ombudsman.

***Il-Kummissjoni tipproponi t-test alternattiv li ġej għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3(4):***

"L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji konċernati għandhom jittrażmettu lill-Ombudsman dokumenti klassifikati li joriġinaw minnhom jew minn Stati Membri, pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali biss wara li s-servizzi tal-Ombudsman ikunu stabbilew miżuri u salvagwardji xierqa biex jittrattaw dokumenti klassifikati, f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u f'konformità mar-regoli dwar is-sigurtà tal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati tal-Unjoni."

- Barra minn hekk, il-Kummissjoni tissuġġerixxi l-integrazzjoni tal-Artikolu 4(8) attwali tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Ombudsman fit-test tal-Istatut fi tmiem it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(4), sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni u t-trattament xieraq ta' informazzjoni kunfidenzjali.

***Il-Kummissjoni tipproponi dan it-test li ġej:***

"Meta istituzzjoni jew Stat Membru jipprovdu informazzjoni jew dokumenti lill-Ombudsman, huma għandhom jidentifikaw b'mod ċar kull informazzjoni li jqisu bħala kunfidenzjali. L-Ombudsman ma għandu jiżvela l-ebda informazzjoni kunfidenzjali bħal din, la lill-kwerelant u lanqas lill-pubbliku, mingħajr il-kunsens minn qabel tal-istituzzjoni jew tal-Istat Membru kkonċernat."

- L-Artikolu 4 jipprovdi li "[l]-Ombudsman u l-persunal tal-Ombudsman għandhom jittrattaw it-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 6(1), skont il-kundizzjonijiet u l-limiti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

  Fir-rigward tal-ilmenti dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti mfassla jew rċevuti minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija, l-Ombudsman għandu, wara analiżi xierqa u wara l-kunsiderazzjoni kollha meħtieġa, joħroġ rakkomandazzjoni rigward l-aċċess għal dawk id-dokumenti. L-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati għandhom jwieġbu fi żmien il-perjodi previsti mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Jekk l-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija kkonċernata ma ssegwix rakkomandazzjoni mill-Ombudsman biex tagħti aċċess għal dokumenti, hija għandha debitament tiddikjara r-raġunijiet għar-rifjut tagħha. F'każ bħal dan, l-Ombudsman għandu jinforma lill-ilmentatur dwar ir-rimedji legali disponibbli, inklużi l-proċeduri disponibbli biex il-każ jiġi riferut lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea."

***Il-Kummissjoni <u>ma taqbilx</u> ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

(1) Fir-rigward tal-proċedura:

   – l-istituzzjoni kkonċernata jkollha twieġeb għar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman. Madankollu, rakkomandazzjoni tal-Ombudsman mhijiex u ma tistax tkun ekwivalenti għal, jew ittrattata bħala, talba ġdida għal aċċess;

   – barra minn hekk, jidher li, jekk l-istituzzjoni tirrifjuta li ssegwi r-rakkomandazzjoni, hija tkun obbligata li tadotta deċiżjoni, li tista' tagħti

lir-rikorrenti possibbiltà ġdida li tressaq kawża quddiem il-qrati tal-Unjoni. Dan mhuwiex kompatibbli mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 228(1) TFUE ("Fejn l-Ombudsman jistabbilixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina, għandu jirreferi l-kwistjoni lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati, li għandu jkollhom perjodu ta' tliet xhur biex jinfurmawh bil-fehmiet tiegħu. L-Ombudsman għandu imbagħad iressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill- istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kkonċernata. Il-persuna li tressaq l-ilment għandha tiġi mgħarrfa bir-riżultat ta' dawn l-inkjesti"). Lanqas ma huwa konformi mal-Artikolu 2(6) tal-Istatut tal-Ombudsman, li skontu lment imressaq lill-Ombudsman ma jaffettwax il-limiti ta' żmien għall-appelli fi proċeduri ġudizzjarji.

(2) Fir-rigward tas-sustanza:

– il-proposta tipprovdi li "fir-rigward ta' lmenti dwar id-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali mfassla jew riċevuti minn istituzzjoni tal-Unjoni [..], l-Ombudsman għandu, wara analiżi xierqa u l-konsiderazzjoni meħtieġa kollha, joħroġ rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għal dawk id-dokumenti". Mhuwiex ċar jekk dan ifisser li:

– fejn il-Kummissjoni ma tkunx tista' tipproċessa talba fi żmien l-iskadenzi legali, l-Ombudsman għandu joħroġ rakkomandazzjoni dwar dik l-irregolarità proċedurali esklussivament; jew

– l-Ombudsman se jitħalla jagħmel il-valutazzjoni tiegħu stess fuq il-merti tat-talba għal aċċess filwaqt li l-Kummissjoni għadha qed tivvaluta l-applikazzjoni ta' konferma.

  It-tieni -interpretazzjoni ta' hawn fuq ma tkunx aċċettabbli — sakemm tkun adottata deċiżjoni ta' konferma, ma jista' jkun hemm l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina fuq is-sustanza;

– il-proposta tipprovdi li l-Ombudsman jinforma lill-ilmentatur dwar "ir-rimedji legali, inklużi l-azzjonijiet tal-qorti" fejn l-istituzzjoni "ma ssegwix rakkomandazzjoni". Dan jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet obbligatorji u jiġġenera skadenzi ġodda għall-introduzzjoni ta' azzjonijiet tal-qorti, li mhux possibbli minħabba li, kif indikat hawn fuq, l-Ombudsman jagħti liċ-ċittadin rimedju alternattiv għal dak ta' qorti tal-Unjoni, u ż-żewġ rimedji ma jistgħux jiġu segwiti fl-istess ħin.

***Il-Kummissjoni tipproponi t-test alternattiv li ġej għall-Artikolu 4:***

"L-Ombudsman u l-persunal tal-Ombudsman għandhom jittrattaw it-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti, ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 6(1), f'konformità mal-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, kif ikkomplementat mir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għat-tagħrif ambjentali [4].

Fir-rigward tal-ilmenti dwar id-dritt tal-aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali mfassla jew riċevuti minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, l-

4 Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

Ombudsman għandu, wara analiżi xierqa u l-konsiderazzjoni kollha meħtieġa, jikkonkludi jekk hemmx raġuni biex wieħed jassumi każ ta' amministrazzjoni ħażina jew le. F'każ li ma tkunx teżisti raġuni bħal din, għandha tagħlaq il-fajl u tinforma lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija skont il-każ. F'każ ta' raġuni biex wieħed jassumi każ ta' amministrazzjoni ħażina, għandha tinforma lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernata dwar is-sejbiet li jsostnu suspett ta' amministrazzjoni ħażina, u tagħti lill-istituzzjoni l-possibbiltà li tikkummenta dwarhom. Jekk, wara li jitqiesu kwalunkwe kummenti tal-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija kkonċernata, l-Ombudsman issib li kien hemm amministrazzjoni ħażina, għandha tinforma lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati, u fejn ikun xieraq, toħroġ rakkomandazzjoni. L-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li tingħata din l-informazzjoni għandha tibgħat opinjoni dettaljata lill-Ombudsman fi żmien tliet xhur.

Ir-raġunament wara din il-proposta alternattiva huwa li l-Ombudsman ma għandux jikkonkludi li hemm amministrazzjoni ħażina mingħajr ma jagħti lill-istituzzjoni l-opportunità li tikkummenta dwar is-sejbiet tagħha.

Is-sentenza "[l]-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija kkonċernata għandha twieġeb fil-perjodi ta' żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001" għandha titħassar. Dawn it-termini japplikaw biss fir-rigward tar-risposti għar-rikorrenti. M'hemm l-ebda bażi legali biex dawn jiġu estiżi għat-tweġiba tal-istituzzjoni lill-Ombudsman. Barra minn hekk, jidhru li huma sproporzjonati u żbilanċjati. Qabel ma twieġeb lill-Ombudsman, wara r-rakkomandazzjoni tagħha, l-istituzzjoni trid tanalizzaha. Min-naħa l-oħra, l-Ombudsman ma jkun marbut bl-ebda limitu ta' żmien u joħroġ rakkomandazzjoni biss "wara analiżi xierqa u l-konsiderazzjoni meħtieġa kollha".

Huwa importanti li jiżdiedu talbiet għal aċċess għal informazzjoni ambjentali prevista fl-ewwel pilastru tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u introdotti fl-ordinament ġuridiku tal-UE permezz tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006. Il-kunċett ta' informazzjoni ambjentali huwa stabbilit fl-Artikolu 2.1(d). Anki jekk fl-Artikolu 3 tiegħu, ir-Regolament Nru 1367/2006 jistabbilixxi li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 japplika għal kwalunkwe talba għal informazzjoni ambjentali, ir-regoli mhumiex kompletament identiċi minħabba, fost l-oħrajn, l-Artikolu 6. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiżdied mar-referenza tar-Regolament Nru 1049/2001.

- Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-Artikolu 9(4) tad-Dispożizzjonijiet ta' Informazzjoni tal-Ombudsman jiġi integrat direttament fit-test tal-Istatut fi tmiem ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 3(4), sabiex jiġi speċifikat il-proċess marbut maż-żamma ta' informazzjoni mill-Ombudsman.

***Il-Kummissjoni tipproponi dan it-test li ġej:***

"L-ombudsman għandu jżomm il-pussess ta' dokumenti miksuba minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija, jew minn Stat Membru matul inkjesta, u ddikjarati kunfidenzjali minn dik l-istituzzjoni jew l-Istat Membru, biss sakemm l-inkjesta tkun għadha għaddejja. L-Ombudsman jista' jitlob lil istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija, jew lil Stat Membru biex iżomm tali dokumenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara notifika li l-Ombudsman ma baqgħetx iżżomm id-dokumenti."

## ESTENSJONI TAL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TA' TESTIMONJANZI TAL-UFFIĊJALI U AĠENTI OĦRA TAL-UE

L-Artikolu 3(4) l-aħħar paragrafu jipprovdi li "[l]-uffiċjali u aġenti oħra tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom, fuq talba tal-Ombudsman, jagħtu xhieda tal-fatti li jirrigwardaw inkjesta li tkun għaddejja mill-Ombudsman. Huma għandhom jitkellmu f'isem l-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tagħhom. Huma għandhom jibqgħu marbuta mal-obbligi li jirriżultaw mir-regoli rispettivi tagħhom. Meta jkunu marbuta bi dmir ta' segretezza professjonali, dan m'għandux jiġi interpretat bħala li jkopri informazzjoni rilevanti għall-ilmenti jew inkjesti dwar fastidju jew amministrazzjoni ħażina."

***Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

(1) Il-qafas legali għall-iżvelar ta' informazzjoni minn membri tal-persunal lill-Ombudsman jeħtieġ li jiġi ċċarat:

Id-dispożizzjoni proposta tirreferi għal "xhieda" li għandha tingħata minn membri tal-persunal ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni lill-Ombudsman. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jipprovdi li l-membri tal-persunal jistgħu jipprovdu provi li huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni formali minn qabel tal-awtorità tal-ħatra tagħhom, jirrigwarda biss l-iżvelar matul il-proċedura ġudizzjarja. Billi inkjesta tal-Ombudsman mhijiex proċedura legali, l-Artikolu 19 ma jistax japplika għal xhieda mogħtija lill-Ombudsman.

Għaldaqstant, ix-"xhieda" li għaliha tirreferi d-dispożizzjoni proposta għandha tkun immarkata "divulgazzjoni ta' informazzjoni", li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(1) tar-Regolamenti tal-Persunal. Skont dan tal-aħħar, "[k]ull uffiċjal għandu jżomm lura minn kull kxif mhux awtorizzat ta' informazzjoni li jkun irċieva fil qadi ta' dmirijietu, sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx diġà saret pubblika jew tkun aċċessibbli għall-pubbliku". Għalhekk, qabel ma jiżvelaw informazzjoni, inkluż bħala xhieda lill-Ombudsman, il-membri tal-persunal irid ikollhom il-qbil tas-superjuri ġerarkiċi tagħhom.

(2) Il-fatt li l-membri tal-persunal ma jistgħux jintalbu jixhdu fil-kapaċità individwali jeħtieġ li jiġi ċċarat:

B'referenza għall-obbligu tal-membri tal-persunal li "jixhdu fatti li għandhom x'jaqsmu ma' inkjesta li tkun għaddejja", il-formulazzjoni attwali tad-dispożizzjoni proposta tagħti l-impressjoni li l-membri tal-persunal jistgħu jkunu obbligati jixhdu quddiem l-Ombudsman fil-kapaċità individwali tagħhom, billi l-Ombudsman jingħata l-verżjoni tagħhom tal-avvenimenti. Madankollu, dan imur lil hinn mill-mandat tal-Ombudsman biex jitlob għax-xhieda individwali. L-Ombudsman jittratta l-amministrazzjoni ħażina mill-istituzzjonijiet u m'għandu l-ebda setgħa li jagħmel ġbir ta' informazzjoni individwali, b'mod partikolari f'każijiet ta' fastidju. Hija biss l-istituzzjoni responsabbli u, jekk meħtieġ, li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għandhom l-kompitu li jisimgħu x-xhieda u li jiddeterminaw il-fatti.

It-tieni sentenza tad-dispożizzjoni proposta diġà tiddikjara li l-membri tal-persunal "jitkellmu f'isem l-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tagħhom". Sabiex tiġi evitata kull ambigwità, kull referenza għal "xhieda tal-fatti" minn membru tal-persunal għandha titħassar.

(3) Il-kompitu ta' segretezza professjonali għandu japplika dejjem:

L-aħħar sentenza tad-dispożizzjoni proposta tissuġġerixxi li l-obbligu ta' segretezza professjonali stabbilit fl-Artikolu 17(1) tar-Regolamenti tal-Persunal ma japplikax għal każijiet fejn il-membri tal-persunal jinstemgħu mill-Ombudsman fil-kuntest ta' investigazzjoni. Din is-sentenza għandha titħassar, billi l-Artikolu 17(1) tar-Regolamenti tal-Persunal japplika għaċ-ċirkostanzi kollha, inkluż meta l-membri tal-persunal jiżvelaw informazzjoni matul inkjesta tal-Ombudsman. L-uniċi eċċezzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal jikkonċernaw każijiet fejn il-membri tal-persunal jiżvelaw informazzjoni matul proċedimenti legali (l-Artikolu 19) jew bħala informatur (Artikoli 22a u 22b).

## DISPOŻIZZJONI ĠDIDA DWAR KUNFLITTI TA' INTERESS

L-Artikolu 3(5) jipprovdi li "[l]-Ombudsman għandu perjodikament jeżamina l-proċeduri marbuta mal-azzjoni amministrattiva tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u għandu jivvaluta jekk humiex kapaċi jipprevjenu b'mod effettiv il-kunflitti ta' interess, li jiggarantixxu l-imparzjalità u li jiżguraw rispett sħiħ għad-dritt għal amministrazzjoni tajba. L-Ombudsman jista' jidentifika u jivvaluta każijiet possibbli ta' kunflitti ta' interess fil-livelli kollha li jistgħu jikkostitwixxu sors ta' amministrazzjoni ħażina, u f'dak il-każ l-Ombudsman għandu jfassal konklużjonijiet speċifiċi u jinforma l-Parlament Ewropew dwar is-sejbiet rigward is-suġġett."

***Il-Kummissjoni <u>ma taqbilx</u> ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

(1) L-Ombudsman mhuwiex korp għal skrutinju jew sorveljanza permanenti ta' attivitajiet speċifiċi jew oqsma ta' attivitajiet ta' istituzzjonijiet oħra. L-Ombudsman jista' jittratta dawn il-kwistjonijiet fuq il-bażi tas-setgħat tiegħu li jinvestiga l-ilmenti jew li jniedi inkjesti fuq inizjattiva proprja, iżda biss fil-kuntest ta' każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina. Il-mandat tal-Ombudsman ma jkoprix il-valutazzjoni tal-politiki u l-proċeduri b'mod ġenerali.

(2) Il-Kummissjoni tqis li l-kelma "*konklużjonijiet*" mhijiex ċara. Jidher li l-Ombudsman jingħata s-setgħa li jiġbed konklużjonijiet għajr fil-kuntest ta' inkjesta, li jfisser pereżempju li l-istituzzjoni ma tkunx tista' tissottometti l-fehmiet tagħha. Dan mhuwiex kompatibbli mat-tieni inċiż tal-Artikolu 228(1) TFUE.

## RAPPORTI SPEĊJALI LILL-PARLAMENT EWROPEW

L-Artikolu 3(9) jipprovdi li "[l]-Ombudsman għandu mbagħad jibgħat rapport lill-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija kkonċernata u, b'mod partikolari fejn in-natura jew l-iskala tal-każ ta' amministrazzjoni ħażina skoperta jkun jeħtieġ hekk, lill-Parlament Ewropew. L-Ombudsman jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rapport. L-ilmentatur għandu jiġi infurmat mill-Ombudsman dwar l-eżitu tal-inkjesta, l-opinjoni mogħtija mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati u kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula mill-Ombudsman fir-rapport."

***Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

L-Ombudsman dejjem kellu d-dritt li jippreżenta "rapporti speċjali" lill-Parlament Ewropew, flimkien mar-rapporti annwali dwar l-attivitajiet tiegħu. Joħroġ rapporti speċjali biss f'każijiet eċċezzjonali ħafna u sensittivi, fejn l-Ombudsman isib li l-iskala ta' amministrazzjoni ħażina hija partikolarment serja. Bħala medja, l-Ombudsman ippreżenta rapport speċjali wieħed fis-sena. L-aħħar wieħed li jikkonċerna lill-Kummissjoni kien fl-2012 u kien jikkonċerna l-espansjoni tal-ajruport ta' Vjenna. It-test propost huwa aħjar mit-test attwali, b'mod partikolari

billi jipprovdi għal eżempji fejn huwa meħtieġ li jintbagħtu rapporti speċjali u b'hekk jagħmel din id-dispożizzjoni aktar probabbli li tiġi rrispettata.

## Estensjoni tal-possibiltajiet li wieħed jidher quddiem il-Parlament Ewropew

L-Artikolu 3(10) jipprovdi li "[f]ejn xieraq b'rabta ma' inkjesta dwar l-attivitajiet ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, l-Ombudsman jista' jidher quddiem il-Parlament Ewropew, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fb'talba tal-Parlament Ewropew, fl-aktar livell xieraq".

***Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta***, u għandha tindika li hija r-responsabbiltà tal-Parlament Ewropew li jindirizza kif u meta l-Ombudsman jista' jidher quddiemu.

## Proċedura ġdida biex tiġi proposta soluzzjoni

L-Artikolu 3(11) jistipula li "[s]a fejn ikun possibbli, l-Ombudsman għandu jfittex soluzzjoni mal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati, sabiex il-każ ta' amministrazzjoni ħażina jiġi eliminat u l-ilment jiġi ssodisfat. L-Ombudsman għandu jinforma lill-ilmentatur dwar is-soluzzjoni proposta flimkien mal-kummenti, jekk ikun hemm, tal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati. Jekk l-ilmentatur jixtieq dan, l-ilmentatur għandu jkun intitolat li jressaq kummenti, jew informazzjoni addizzjonali li ma kinitx magħrufa fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-ilment, lill-Ombudsman, fi kwalunkwe stadju."

***Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

Huwa diġà possibbli li jiġu proposti soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati każijiet ta' amministrazzjoni ħażina, minflok ma jiġu adottati deċiżjonijiet formali, b'mod partikolari wara d-dħul fis-seħħ fl-2016 tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni l-ġodda tal-Istatut tal-Ombudsman. Dan huwa fl-interess ta' dawk kollha kkonċernati.

## Kontenut tar-rapport annwali tal-Ombudsman

L-Artikolu 3(12) jipprovdi li "[fl]-aħħar ta' kull sessjoni annwali l-Ombudsman għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tal-inkjesti li l-Ombudsman ikun wettaq. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman u valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi disponibbli għat-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman. Dawn il-valutazzjonijiet jistgħu jkunu wkoll is-suġġett ta' rapporti separati (ara wkoll il-premessa 6).

***Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta,*** u għandha tindika li din hija kwistjoni għall-Parlament Ewropew.

Ir-rapport annwali tal-Ombudsman lill-Parlament Ewropew diġà jkopri r-rati ta' konformità u r-riżorsi disponibbli. L-Ombudsman jippubblika kull sena rapport b'ċifri aġġornati ("Putting it Right").

## Riferiment lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

L-Artikolu 6(2), l-ewwel paragrafu, jistipula li "[j]ekk l-Ombudsman iqis li fatti li jsir jaf matul inkjesta jistgħu jkunu relatati mal-liġi kriminali, l-Ombudsman għandu jinnotifika lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, safejn il-każ ikun jaqa' fl-ambitu tas-setgħat tagħhom,

lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Jekk ikun xieraq, l-Ombudsman għandu jinnotifika wkoll lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni li jkollhom awtorità fuq l-uffiċjal jew aġent konċernat, li jistgħu japplikaw it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

***Il-Kummissjoni parzjalment taqbel ma' din il-proposta,*** billi tqis li jista' jkun utli li l-Ombudsman jinnotifika lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew meta l-fatti li jkunu saru jafu matul inkjesta jistgħu jkunu relatati mal-liġi kriminali.

***Madankollu, il-Kummissjoni tqis ukoll li t-test għandu jiġi emendat*** biex ikopri sett usa' ta' azzjonijiet (ara hawn taħt).

(1) Il-kliem ta' hawn fuq mhuwiex korrett, billi l-istituzzjonijiet jirrinunzjaw għall-immunità fuq talba minn jew b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, iżda mhux fuq inizjattiva tagħhom stess.

(2) Il-kliem attwali tal-ewwel parti tal-ewwel sentenza (*"Jekk l-Ombudsman iqis li l-fatti li ttieħdu matul investigazzjoni jistgħu jkunu relatati mal-liġi kriminali...*") jagħti ċertu marġni ta' diskrezzjoni lill-Ombudsman dwar jekk għandux jirrapporta (jew le) dawn il-fatti, u meta. Kemm l-Artikolu 8(1) tar-Regolament 883/2013 kif ukoll l-Artikolu 24(1) tar-Regolament 2017/1939 ma jħallux marġni ta' diskrezzjoni bħal dan għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji, iżda jipprovdu għal obbligu ta' rapportar lill-OLAF jew lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, bla ħsara għall-ebda kundizzjoni u *"mingħajr dewmien (indebitu)*".

(3) Il-formulazzjoni attwali tal-aħħar sentenza tista' tippermetti lill-Ombudsman — wara li tkun irrapportat lill-OLAF jew lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, fatti li jaqgħu fil-kompetenzi rispettivi tagħhom — li jinnotifikaw l-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija b'awtorità fuq l-uffiċjal jew impjegat ikkonċernat, filwaqt li l-OLAF jew l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jistgħu, għall-kuntrarju, ikunu jixtiequ li jiddifferixxu l-għoti ta' tali informazzjoni.

L-Artikolu 4(8) tar-Regolament 883/2013 jagħti lill-OLAF marġni ta' manuvra, billi jistipula li *"Fejn, qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar jekk tinfetaħx investigazzjoni interna jew le, l-Uffiċċju jittratta informazzjoni li tissuġġerixxi li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, huwa* ***jista'*** *jinforma lill-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija kkonċernata."* (Żieda fl-enfasi)

Barra minn hekk, jekk, wara l-informazzjoni rċevuta mill-Ombudsman, l-OLAF jiftaħ investigazzjoni interna dwar uffiċjal, impjegat ieħor, membru ta' istituzzjoni jew korp, kap ta' uffiċċju jew aġenzija, jew membru tal-persunal, l-OLAF għandu l-obbligu li jinforma lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija li tappartjeni għaliha dik il-persuna (l-Artikolu 4(6), l-ewwel paragrafu tar-Regolament 883/2013). Madankollu, l-OLAF jista' wkoll jagħżel li jipposponi l-għoti ta' din l-informazzjoni (l-Artikolu 4(6) l-aħħar paragrafu tar-Regolament 883/2013). Għalhekk, in-notifika mill-Ombudsman tal-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija b'awtorità fuq l-uffiċjal jew impjegat ikkonċernat mingħajr ma l-ewwel jikkonsulta lill-OLAF jista' jkollu l-effett sekondarju li jipperikola d-deċiżjonijiet tal-OLAF dwar is-segwitu li jagħti għall-informazzjoni li jirċievi (pereżempju, jekk jiddeċiedi jekk jiftaħx jew le investigazzjoni, u meta jinforma lill-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija kkonċernata dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni interna).

L-istess kunsiderazzjonijiet (il-ħtieġa li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet futuri) japplikaw fir-rigward tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

***Il-Kummissjoni tipproponi dan it-test li ġej:***

*"Jekk il-fatti miksuba matul investigazzjoni tal-Ombudsman jistgħu jikkostitwixxu jew ikunu relatati ma' reat kriminali, l-Ombudsman għandu jirrapporta lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, sa fejn il-każ jaqa' fil-kompetenzi rispettivi tiegħu, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament 2017/1939. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu ġenerali ta' rappurtar tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament 883/2013. Jekk xieraq, u wara li jikkonsulta lill-OLAF jew lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, l-Ombudsman għandu jinnotifika wkoll lill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni b'awtorità fuq l-uffiċjal jew impjegat ikkonċernat, li tista' tibda l-proċeduri xierqa."*

## NOTIFIKA MILL-OMBUDSMAN LILL-PERSUNA KKONĊERNATA U LILL-ILMENTATUR DWAR IT-TRAŻMISSJONI TA' INFORMAZZJONI LILL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW

Il-Premessa 11 tindika li: "Jenħtieġ li jitqiesu l-bidliet riċenti li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra reati kriminali, b'mod partikolari l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939, sabiex l-Ombudsman ikun jista' jinnotifikah bi kwalunkwe informazzjoni li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Bl-istess mod, sabiex tiġi rispettata b'mod sħiħ il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet tad-difiża stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, huwa mixtieq li, fejn l-Ombudsman jinnotifika lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew b'informazzjoni li taqa' fil-kompetenza ta' dan tal-aħħar, l-Ombudsman jirrapporta dik in-notifika lill-persuna konċernata u lill-ilmentatur."

***Il-Kummissjoni taqbel parzjalment ma' din il-proposta***, billi l-obbligu ta' rappurtar lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huwa stabbilit fir-Regolament 2017/1939.

***Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-aħħar sentenza għandha titħassar.*** Jekk l-Ombudsman jirrapporta lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew kwalunkwe informazzjoni li taqa' fil-kompetenza ta' dan tal-aħħar, iżda wkoll għall-persuna kkonċernata u l-ilmentatur, dan jista' jinterferixxi ma' kwalunkwe attività investigattiva potenzjali jew futura mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Barra minn hekk, fl-istadju tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, għadha ma saret l-ebda investigazzjoni kriminali li għadha għaddejja u "l-ebda spejjeż" għal kwalunkwe persuna kkonċernata ma saret. Għalhekk, ir-rispett tal-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għadu mhux "attivat". F'dak l-istadju, hemm il-ħtieġa li tinżamm il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe investigazzjoni kriminali futura. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huwa marbut li jirrispetta l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u d-drittijiet proċedurali (ara l-Artikoli 5 u 41 tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939) matul l-investigazzjonijiet tiegħu.

## KOOPERAZZJONI MAL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

L-Artikolu 7(2) jistipula li: *"[f]l-ambitu tad-dmirijiet tal-Ombudsman, l-Ombudsman għandu jikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u ma'*

*istituzzjonijiet u korpi oħra, filwaqt li jevita kwalunkwe duplikazzjoni mal-attivitajiet tagħhom"* (ara wkoll il-Premessa 12).

***Il-Kummissjoni taqbel mal-prinċipju li l-Ombudsman għandu jikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fl-ambitu tal-kompiti tagħha. Madankollu, tqis li t-test għandu jiġi ċċarat għar-raġunijiet li ġejjin:***

L-Ombudsman ma għandu l-ebda kompetenza ġenerali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem bħala tali u jista' jittratta biss każijiet ta' amministrazzjoni ħażina u jikkoopera mal-Aġenzija dwar id-Drittijiet Fundamentali f'dak il-qasam. Kooperazzjoni usa' ma' "istituzzjonijiet u korpi oħra" mhijiex xierqa sakemm il-proposta ma tiċċarax liema istituzzjonijiet u korpi oħra huma maħsuba (liema qasam ta' kompetenza? Istituzzjonijiet/korpi tal-UE jew korpi tal-Istati Membri?).

***Il-Kummissjoni tipproponi din il-formulazzjoni li ġejja:***

*"Fl-ambitu tal-kompiti tiegħu/tagħha kif stabbilit fl-Artikolu 228 TFUE, l-Ombudsman għandu jikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, filwaqt li jevita kwalunkwe duplikazzjoni mal-attivitajiet tiegħu, kif ukoll ma' istituzzjonijiet u korpi tal-Istati Membri inkarigati mill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali."*

## RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-KANDIDATI POTENZJALI TAL-OMBUDSMAN

L-Artikolu 8(2) jistipula li "[l]-għażla tal-Ombudsman għandha ssir minn fost persuni li huma ċittadini tal-Unjoni, li jgawdu d-drittijiet ċivili u politiċi kollha, li jagħtu kull garanzija ta' indipendenza, li ma kinux Membri ta' gvernijiet nazzjonali jew Membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għal dawn l-aħħar tliet snin, li jissodisfaw kundizzjonijiet ta' imparzjalità ekwivalenti għal dawk meħtieġa għal kariga ġudizzjarja f'pajjiżhom u li jkollhom il-kompetenza u l-esperjenza rikonoxxuti sabiex iwettqu d-dmirijiet tal-Ombudsman."

***Il-Kummissjoni <u>ma taqbilx</u> ma' din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:***

(1) L-obbligu tal-Ombudsman li jkun indipendenti u li ma jfittixx jew jieħu struzzjonijiet minn ebda gvern, istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità ma jiġġustifikax l-esklużjoni ta' individwi li kellhom kariga politika f'dawn l-aħħar tliet snin f'gvern nazzjonali jew f'istituzzjoni tal-UE. Projbizzjoni ekwivalenti ma tapplikax għall-imħallfin u l-avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-Artikolu 253 TFUE).

(2) Il-Kummissjoni tiddubita mill-proporzjonalità li jiġu esklużi d-detenturi kollha tal-uffiċċji pubbliċi, inklużi ex imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Membri tal-Parlament Ewropew, irrispettivament mill-merti personali tagħhom u minkejja similaritajiet ma' kategoriji oħra ta' persuni li ma jkunux esklużi. Jekk l-għan huwa li jiġu evitati kunflitti ta' interess, hemm modi aktar proporzjonati biex jinkiseb dan il-għan.

(3) L-Istatut attwali jipprovdi "(...) u jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-eżerċizzju tal-ogħla uffiċċju ġudizzjarju f'pajjiżu jew għandu l-kompetenza u l-esperjenza magħrufa biex iwettaq id-dmirijiet tal-Ombudsman." Ma hemm l-ebda spjegazzjoni għal din il-bidla u t-trasformazzjoni tal-ewwel rekwiżit alternattiv. Il-konsegwenza diretta tal-bidla proposta se tkun li jiġu favoriti l-kandidati li kellhom il-kariga tal-Ombudsman fuq dawk li kellhom il-kariga ta' uffiċjal ġudizzjarju nazzjonali.

## DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI

- L-Artikolu 17 jintroduċi l-kontenut minimu (sitt artikoli) li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu u l-ħtieġa għal adozzjoni "skont dan ir-Regolament". Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet rilevanti, bħall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiġu kkonsultati meta jiġu adottati dawn id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, minħabba li hija prattika komuni għal istituzzjonijiet oħra.

## EMENDI MIXXELLANJI

- L-Artikolu 9(3) jistipula li "[f]'każ ta' waqfien antiċipat ta' dmirijiet, għandu jinħatar Ombudsman ġdid fi żmien tliet xhur minn dak tal-uffiċċju li jkun battal għall-bqija tal-mandat tal-Parlament Ewropew. Sakemm jinħatar Ombudsman ġdid, l-uffiċjal prinċipali msemmi fl-Artikolu 13(2) għandu jkun responsabbli għall-kwistjonijiet urġenti li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Ombudsman."

  ***Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta***, billi tiċċara li l-"uffiċjal prinċipali" (is-segretarjat tal-Ombudsman imsemmi fl-Artikolu 13) huwa responsabbli biex jiżgura l-kontinwità tal-operat meta d-dmirijiet tal-Ombudsman jieqfu qabel iż-żmien.

- L-Artikolu 10 jistipula li "[m]eta l-Parlament Ewropew ikollu l-intenzjoni li jitlob it-tkeċċija tal-Ombudsman skont l-Artikolu 228(2) TFUE, huwa għandu jisma' lill-Ombudsman qabel ma jagħmel talba bħal din."

  ***Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta,*** billi huwa ġust li l-Parlament Ewropew għandu jisma' lill-Ombudsman meta jkun biħsiebu jitlob it-tkeċċija tiegħu.

- L-Artikolu 13(1) jistipula li "[l]-Ombudsman għandu jingħata baġit adegwat, biżżejjed biex jiżgura l-indipendenza tal-Ombudsman u biex jipprovdi għat-twettiq tad-dmirijiet imsemmija fit-Trattati u f'dan ir-Regolament".

  ***Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta***, billi tispjega l-ħtieġa ovvja li l-Ombudsman jingħata riżorsi finanzjarji adegwati biex jaqdi dmirijietu.

- L-Artikolu 13(3) jistipula li "[g]ħandu jsir sforz mill-Ombudsman biex tintlaħaq parità bejn is-sessi fil-kompożizzjoni tas-Segretarjat u l-persunal.

  ***Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta***, billi għandha l-għan li tiżgura l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-segretarjat tal-Ombudsman. ***Madankollu, il-Kummissjoni tipproponi din iż-żieda li ġejja***: "(…) f'konformità mal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal".